MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 48/2019

It-Tnejn 8 t'April 2019

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson*
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Frank Fenech – Deputat *Chairperson*

ASSENTI:
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

48.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li d-deputat *Chairperson* is-Sur Frank Fenech kien skużat filwaqt li l-membru s-Sur Simon Salamone Reynaud kien assenti. Il-membri aċċettaw l-apologiji.

### 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

48.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 47/2019 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

48.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni tal-minuti mill-membri preżenti.

48.2.3 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 48.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

48.3.1 Iċ-*Chairperson* għamlet appell lill-awtoritajiet sabiex Marsalforn jingħata l-attenzjoni kollha li jixtaqru u issa li il-Kumitat Amministrattiv qed jersaq lejn tmiemu, għandha tiġi kkunsidrata l-possibilita' li f'Marsalforn ikun hemm Kunsill Lokali għalih b'allokazzjoni diretta mill-Gvern Ċentrali.

48.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li fi Triq Għar Qawqla hemm bankina perikoluża minħabba l-għoli tagħha. Hi qalet li din il-bankina hija madwar metru għola mill-bankina l-oħra li tmiss magħha u jista' jkun il-każ li bniedem ma jindunax b'dan l-għoli u jispiċċa jweġġa'. Hi qalet li għandu jsir *railing* tal-ħadid sabiex dak li jkun ma jibqax għaddej u jispiċċa jweġġa'. Kien hemm qbil mill-membri biex jaraw dan is-suġġeriment jiġix milqugħ minn Transport Malta u jekk jiġi milqugħ isir *railing*.

48.3.3 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li fi Triq is-Sajjied sar il-manutenzjoni li kien hemm bżonn billi sar wiċċ ġdid tal-konkos f'parti minn din it-triq. Is-sinjali tat-traffiku jridu jsiru mill-ġdid u ssuġġeriet li l-Kunsill iqabbad lill-kuntrattur sabiex dawn isiru kif kienu qabel. Kien hemm qbil dwar dan.

48.3.4 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li wara l-ilment li kien tressaq minn residenta biex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq bankina fi Triq il-Wied, inġabret stima għal dan ix-xogħol li tammonta għal €295 inkluż il-VAT. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

48.3.5 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li fanal dekorattiv quddiem il-Knisja ta' Marsalforn ġarrab xi ħsarat minħabba l-maltemp. Kien hemm qbil mill-membri li jsir wieħed ġdid bħall-ieħor li hemm eżistenti.

48.3.6 Iċ-*Chairperson* ressqet suġġeriment biex issir talba lill-Ministeru għal Għawdex biex jiġi nstallat *railing* madwar it-turf li jinsab fil-*promenade* tal-Qbajjar minħabba periklu li jista' jkun hemm għat-tfal li jkunu qed jilagħbu hemm.

48.3.7 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li nhar l-Erbgħa 10 t'April 2019 ser issir laqgħa mal-Perit u mal-kuntrattur fi Triq il-Port peress li ser jibda x-xogħol ta' tqegħid tal-monument. Qalet ukoll li hemm bżonn jinqala' l-pavimentar fejn ser isir il-monument u jsir xi xogħol ta' konkos. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan. Is-serata tal-inawgurazzjoni tal-monument ser tkun nhar is-Sibt 11 ta' Mejju 2019 fis-7.00 ta' filgħaxija.

## 48.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

48.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech ġibdet l-attenzjoni dwar dawn il-punti:

- Ġie nstallat *smartbin* mill-Ministeru għal Għawdex fil-Menqa quddiem 'Pulena Restaurant' u dan qed joħloq inkonvenjent għal dan ir-ristorant u ssuġġeriet li għandu jiġi rilokat. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lill-Ministeru għal Għawdex dwar dan.
- Isir xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix madwar it-toroq ta' Marsalforn. Kien hemm qbil dwar dan.

- Jiġi nstallat *dog bin* fi Triq il-Qbajjar faċċata ta' Triq tan-Naħla fejn m'hemmx residenzi biex ma joħloq inkonvenjent għal ħadd. Kien hemm qbil dwar dan.
- Triq ix-Xwejni tinsab bla dawl mill-aħħar maltemp li kien għamel. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn il-fanali huma rrapurtati mal-kuntrattur kif ukoll mal-Enemalta. L-Enemalta jridu konferma li m'hemmx periklu minħabba n-nuqqas ta' lanterni li hemm biex jerġgħu jagħtu d-dawl lil dawn il-fanali. Konferma mill-inġinier tal-Kunsill ser tinħareġ fil-jiem li ġejjin u b'hekk l-Enemalta tkun tista' terġa' tagħti d-dawl lil dawn il-fanali dekorattivi li għad fadal.
- It-tabella tal-konfini ta' Marsalforn fi Triq ir-Rabat għadha ma tranġatx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ġiet ordnata wara li tkissret bil-maltemp.
- Issir talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jitranġaw is-*safety mats* li hemm fil-Ġnien ta' Tliet Għoljiet f'Marsalforn. Kien hemm qbil dwar dan.
- Fakkret ukoll li r-*railing* ta' Triq il-Port ser isir mill-ġdid mill-Ministeru għal Għawdex hekk kif jidher fil-*masterplan* iżda sadanittant il-Ministeru għal Għawdex ser jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa.

48.4.2 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba nforma lill-membri li wara diskussjoni mal-kuntrattur dwar il-ħsarat fuq il-fanali dekorattiv ta' Marsalforn, il-kuntrattur ġibed l-attenzjoni li jista' jkun hemm xi ħadd li qed imiss is-salvavita ta' ftit minn dawn il-fanali. Il-membri kkundannaw dan l-aġir.

48.4.3 Is-Sindu s-Sur Nicky Saliba nforma lill-membri li fis-27 t'April 2019 ser issir iċ-ċerimonja ta' tifkira ta' Jum Iż-Żebbuġ u li din ser issir f'Villa Fiorita fil-limiti ta' Marsalforn. Huwa qal li ser tingħata tifkira tal-okkażjoni lil kull min serva kemm fil-Kunsill kif ukoll fil-Kumitat Amministrattiv għal dawn l-aħħar 25 sena.

48.4.4 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba fakkar lill-membri preżenti li l-laqgħa li jmiss tax-xahar ta' Mejju ser tkun l-aħħar waħda għal din il-leġislatura u possibbilment l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn. Huwa qal li wara l-laqgħa ta' Mejju ssir laqgħa oħra kemm japprovaw u jagħlqu l-minuti. Huwa rringrazzja lill-membri kollha li servew f'dan il-Kumitat għas-servizz tagħhom.

## 48.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa;

48.5.1 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex b'talba sabiex il-Kunsill jixtri żebgħa biex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-*promenade* ta' Marsalforn, fil-*promenade* ta' Triq Għar Qawqla, u f'inħawi oħra f'Marsalforn. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stima li ġabar għal din it-talba li kienet tammonta għal €819.60. Kien hemm qbil mill-membri li tinxtara din iż-żebgħa u għamlu rakkomandazzjoni biex ix-xogħol isir skont is-sengħa u ma jsirx xogħol ta' żebgħa kmieni wisq minħabba li t-temp għadu nstabbli.

48.5.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li wara li kellu stedina mit-tfal ta' EkoSkola mill-Iskola Primarja taż-Żebbuġ, f'laqgħa ħarġu b'suġġeriment sabiex inkabbru l-għarfien u nillimitaw l-użu tal-istraws tal-plastik fl-istabilimenti kummerċjali ġewwa ż-Żebbuġ u Marsalforn. It-tfal ifformulaw ittra sabiex tintbagħat lill-istabilimenti kummerċjali bil-posta flimkien ma' ittra mill-istess Kunsill. Il-membri nnutaw dan u laqgħu dan is-suġġeriment tat-tfal b'sodisfazzjon.

48.5.3 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand ir-Rettur tal-Knisja ta' Marsalforn b'ringrazzjament għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill fil-festi ta' San Pawl billi jiffinanzja s-servizz tal-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ nhar il-Ħadd 30 ta' Ġunju 2019. Fl-ittra r-Rettur fakkar ukoll lill-Kunsill sabiex ma jingħatawx permessi għal divertiment li jistgħu jxekklu l-attivitajiet nhar id-29 u it-30 ta' Ġunju 2019. Il-Kumitat innota dan.

48.5.4 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand Cominology Ltd. b'suġġeriment biex isiru parkeġġi riservati għal 'tuk-tuks' li huma vetturi liċenzjati li jaħdmu bl-eletriku li jintużaw bħala mezz ta' trasport għall-passiġġiera. Din il-kumpanija għandha l-ħsieb li tħaddem dan il-mezz ta' trasport b'xejn għal dawk il-persuni li jżuru l-bajja ta' Marsalforn u jipparkjaw fil-parkeġġ il-prinċipali u dan il-mezz iwassalhom fil-*promenade* ta' Triq il-Port. Din il-kumpanija ppreżentat pjanta ta' fejn qed tissuġġerixxi li jsiru l-parkeġġi riżervati għalihom. Kien hemm qbil mill-membri dwar din il-proposta iżda l-kumpanija pproponiet li l-parkeġġi jsiru fuq il-pavimentar filwaqt li l-membri jridu li dawn isiru fit-triq u jitneħħew id-*double yellow lines* wisa' ta' żewġ parkeġġi għal dawn il-vetturi.

48.5.5 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment:

- Maria Homoki – *Bouncing Castle* fi Triq il-Port – mit-28 ta' Ġunju 2019 sat-22 ta' Settembru 2019.
- Gary Doyle obo Glass Box Bar – *Band* :
  2, 5, 9, 12, 16, 19, 23, 26 ta' Ġunju 2019
  3, 7, 10, 14, 17, 21, 24, 28, 31 ta' Lulju 2019
  4, 7, 11, 14, 18, 21, 28 t'Awwissu 2019
  1, 4, 8, 11, 15, 18, 22, 25, 29 ta' Settembru 2019

Il-Kumitat ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni. Il-membri saħqu wkoll li jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux irrispettati għandha tkun il-Pulizija li taġixxi minnufih jekk jidħlilha xi rapport.

48.5.6 Ilment KAM 08/2019 – D. Cordina

Jissuġġerixxi sabiex isiru żewġ *floodlights* jagħtu għal fuq il-*promenade* ta' Triq il-Wied f'Marsalforn. Ma kienx hemm qbil mill-membri preżenti la darba hemm il-pjan li jsiru fanali dekorattivi ġodda f'dan il-post.

48.5.7 Ilment KAM 09/2019 – D. Cordina

Jitlob biex isir ftit konkos taħt il-bankina biex isservi bħala rampa quddiem Bel Sol, Triq Għar Qawqla f'Marsalforn minħabba li l-garaxxijiet m'għandhom aċċess preżentament. Kien hemm qbil mill-membri li dak ix-xogħol ma jistax isir iżda għandha titbaxxa l-bankina nnifisha. Iċ-*Chairperson* ser tmur tara din il-bankina fuq il-post.

48.5.8 Ilment KAM 10/2019 – M. Cauchi

Titlob sabiex il-*floodlights* li hemm fi Triq Santa Marija li jagħtu għal fuq il-*waterpolo pitch* ikunu mitfija fil-11.00pm fis-Sajf. Kien hemm qbil mill-membri li jsir *timer* ma' dawn id-dwal.

48.5.9 Ilment KAM 11/2019 – D. Cordina

Jissuġġerixxi sabiex isiru żewġ *floodlights* jagħtu għal fuq il-*promenade* ta' Triq il-Wied f'Marsalforn. Ma kienx hemm qbil mill-membri preżenti la darba hemm il-pjan li jsiru fanali dekorattivi ġodda f'dan il-post.

48.5.10 Ilment KAM 12/2019 – D. Cordina

Jitlob sabiex tinbidel il-parti ta' fuq tar-*railing* li hemm fil-*front* ta' Marsalforn peress li kollu sadid u qiegħed ta' periklu. Iċ-*Chairperson*

infurmat lill-membri li dan ix-xogħol qed isir mill-Ministeru għal Għawdex u la darba jiġi attwat il-*masterplan* ta' Marsalforn, dan ser isir ġdid.

48.5.11 Ilment KAM 13/2019 – J. Spurs
Jilmenta li 'Mellos Bar' qed idoqqu mużika b'volum għoli ħafna il-Ħdud wara nofsinhar u qed itellef l-atmosfera ġewwa Marsalforn. Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li permessi tad-divertiment ma kienx hemm min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv għaldaqstant il-Kunsill ser jinforma lill-Pulizija.

48.5.12 Ilment KAM 14/2019 – D. Cordina
Jitlob sabiex issir għatba quddiem Panoramic Court fi Triq Santa Marija minħabba li l-bankina hi għolja ħafna. Iċ-*Chairperson* qalet li dan ix-xogħol diġà sar.

48.5.13 Ilment KAM 15/2019 – G. Scerri
Jitlob biex issir manutenzjoni fuq il-bankina ta' Maris, Triq Għar Qawqla f'Marsalforn u ssir bil-madum bħall-oħrajn. Kien hemm qbil dwar dan.

48.5.14 Ilment KAM 16/2019 – J. Mcintosh
Jilmenta li 'Mellos Bar' qed idoqqu mużika b'volum għoli ħafna il-Ħdud wara nofsinhar. Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li permessi tad-divertiment ma kienx hemm min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv għaldaqstant il-Kunsill ser jinforma lill-Pulizija.

48.5.15 Ilment KAM 17/2019 – P. P. Said
Jilmenta dwar nuqqas ta' ndafa fil-*promenade* ta' Triq Għar Qawqla u l-istat ħażin tar-*railing* tal-istess *promenade*. Kien hemm qbil mill-membri li dan l-ilment jinġab għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li hu responsabbli minn dan il-post.

## 48.6 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 48.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 8 ta' Mejju 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2019.

Marija Saliba
*Chairperson*

Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv